



OPINJONI NRU 01/2010

TAL-AĠENZIJA EWROPEA TAS-SIKUREZZA TAL-AVJAZZJONI

tat-12 ta' Mejju 2010

għal Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 tal-24 ta' Settembru 2003 li jstabilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji tal-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatati jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom

'Subparti J DOA'

I. Ġenerali

1. L-iskop ta' din l-opinjoni huwa li tipproponi lill-Kummissjoni emenda għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003¹ u l-Anness tiegħu (minn hawn 'il quddiem Parti 21) billi tinkludi rekwiżiti elaborati u mtejbja relatati mal-iżvilupp ta' programm ta' ċertifikazzjoni, sabiex jiġi estiż il-privileġġ tad-DOA għal reviżjonijiet minuri tal-manwal tat-titjir, u sabiex jiġu inklużi reviżjonijiet editorjali minuri.
2. L-opinjoni ġiet adottata, skont il-proċedura speċifikata mill-Bord Amministrattiv² tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni ("l-Aġenzija"), skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008³ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-Regolament Bażiku).

II. Konsultazzjoni

3. L-intezjoni prinċipali tan-Notifika tal-Emenda Proposta (NPS) 2006-16⁴ kienet li ssolvi l-kunflitt bejn il-paragrafi eżistenti ta' Parti 21 sabiex tiċċara u tipprovdi aktar ċertezza legali fuq il-livell ta' involviment tal-Aġenzija fil-verifika tal-konformità relatata mal-proġetti. B'mod speċifiku, iż-żewġ paragrafi inkwistjoni kienu: 21A.257(b), li jippermetti s-setgħa diskrezzjonali tal-Aġenzija li tikkontrolla l-validità ta' kwalunkwe dikjarazzjoni ta' konformità magħmula mill-applikant, u 21A.263(b), li jiddikjara li l-Aġenzija għandha taċċetta dikjarazzjonijiet ta' konformità mingħajr verifika ulterjuri.
4. Kunċett propost sabiex tissolva din il-kwistjoni ġie żviluppat l-ewwel minn grupp ta' regolamentazzjoni tal-EASA/Awtoritajiet/Industrija. In-Notifika tal-Emenda Proposta (NPA) 2006/16 li kien fiha l-abbozz ta' opinjoni għal Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1702/2003 ġiet ippubblikata fuq il-websajt tal-Aġenzija fit-12 ta' Ottubru 2006.
5. Sad-data ta' għeluq tat-12 ta' Jannar 2007, l-Aġenzija kienet irċeviet 158 kumment minn 35 awtorità nazzjonali, organizzazzjonijiet professjonali u kumpaniji privati.
6. Il-kummenti riċevuti dwar l-NPA 16/2006 indikaw li l-opinjonijiet kienu maqsumin. Xi wħud mill-kwistjonijiet imqajma inkludew: tnaqqis possibbli tas-sigurtà minħabba livell imnaqqas ta' involviment tal-Aġenzija fiċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti, l-inkapaċità tal-Aġenzija li jkollha aċċess għal dejta ta' ċertifikazzjoni, il-bilanċ bejn l-organizzazzjonijiet u ċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti, eċċ. Bħala konsegwenza, sar dibattitu intern konsiderevoli sabiex isir tentattiv biex dawn il-kwistjonijiet u opinjonijiet opossiti jiġu rikonċiljati.
7. Il-kummenti kollha riċevuti ġew rikonnoxxuti u inkorporati f'Dokument ta' Risposti għall-Kummenti (CRD), li ġie ppubblikat fuq il-websajt tal-Aġenzija fis-16 ta' Settembru 2008. Dan is-CRD jinkludi lista tal-persuni u/jew tal-organizzazzjonijiet kollha li pprovdew kummenti u t-tweġibiet tal-Aġenzija.

¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 tal-24 ta' Settembru li jstabilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji tal-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatati jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom (ĠU L 243, 27.9.2003, p. 6), kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1194/2009 tat-30 ta' Novembru 2009.

² Deċiżjoni tal-Bord Amministrattiv li tikkonċerna l-proċedura li għandha tiġi applikata mill-Aġenzija għall-ħruġ ta' Opinjonijiet, Speċifikazzjonijiet ta' Ċertifikazzjoni u Materjal ta' Gwida (Proċedura ta' Regolamentazzjoni). EASA MB 08-2007, 13.06.2007.

³ Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jstabilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE (ĠU L 79, 19.03.2008, p. 1), kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 1108/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009.

⁴ Ara l-Arkivji tar-Regolamentazzjoni fuq http://www.easa.europa.eu/ws_prod/r/r_archives.php.

8. Is-CRD ippubblikat inkluda proposta riveduta u introduċa bidliet li għandhom l-għan li jipprovdu demarkazzjoni aktar ċara tar-responsabbiltajiet bejn l-applikant u l-Aġenzija. Minħabba n-natura kontroversjali ta' dan il-kompitu, id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija estenda l-perijodu ta' reazzjoni mix-xahrejn normali sa tliet xhur, li għalaq fis-16 ta' Diċembru 2008.
9. Grupp ta' Reviżjoni stabbilit skont il-proċedura ta' regolamentazzjoni tal-Aġenzija ma appoġġjax il-kunċett rivedut. Barra minn hekk, l-Aġenzija rċeviet 86 reazzjoni għas-CRD minn partijiet interessati wara l-pubblikazzjoni tas-CRD, u ħafna minnhom indikaw nuqqas ta' appoġġ għall-kunċetti prinċipali.
10. L-Aġenzija tirrikonoxxi li l-kunċett propost fis-CRD 16/2006 mhuwiex matur u li jirrikjedi reviżjoni u elaborazzjoni ulterjuri qabel ma jkun jista' jiġi kkunsidrat għall-inklużjoni f'Parti 21. Madankollu, l-Aġenzija rrikonoxxiet ukoll li ċerti aspetti tal-proposti li mhumiex kontroversjali, jiġifieri l-introduzzjoni ta' programm ta' ċertifikazzjoni u l-estensjoni tal-privileġġi tad-DOA għall-approvazzjoni ta' reviżjonijiet minuri tal-manwali tat-tajran, għandhom jiġu inklużi f'Parti 21.
Għaldaqstant, l-Aġenzija ddeċidiet li tirtira minn dan l-NPA il-bidliet proposti għal paragrafi 21A.38, 21A.114, 21A.257 u l-bidliet relatati fl-AMC u l-GM għal Parti 21 u li jinżammu l-bidliet proposti għal parti 21A.20, 21A.21, 21A.33, 21A.97, 21A.103, 21A.115, 21A.263, 21A.433 (b'bidliet minuri li jirriflettu l-iskop imnaqqas ta' din il-proposta).
11. Dawk il-kwistjonijiet li jibqgħu kontroversjali, inklużi l-għan tad-DOA, il-bilanċ bejn id-DOA u ċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti u l-livell u n-natura tal-involviment tal-Aġenzija fiċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti sejr in ikunu soġġetti għal reviżjoni ulterjuri mill-Aġenzija bħala parti minn kompitu intern dejjem għaddej relatat mad-direzzjoni strateġika u l-irwol tal-Aġenzija.

III. Kontenut tal-Opinjoni tal-Aġenzija

12. Din l-opinjoni tipproponi li temenda Parti 21, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet relatati mal-wiri tal-konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u r-rekwiżiti ta' protezzjoni ambjentali u l-possibbiltà li l-approvazzjonijiet tad-DOA jiġu estiżi sabiex jippermettu reviżjonijiet minuri tal-manwali tat-tajran mingħajr l-involviment tal-Aġenzija.
13. L-introduzzjoni ta' rekwiżit għall-applikant li jipprovdi lill-Aġenzija bi programm ta' ċertifikazzjoni hija maħsuba għall-formalizzazzjoni tal-prattika eżistenti u hija diġà inkluża bħala parti mill-proċeduri ta' ċertifikazzjoni tal-Aġenzija ppubblikati.
14. Il-privileġġi estiżi għal detentur ta' Approvazzjoni tal-Organizzazzjoni tad-Disinn (DOA) skont parti 21A.263(c)(4) sabiex jiġu approvati ċerti bidliet fil-manwali tat-tajran mingħajr l-involviment tal-Aġenzija huma inkonsistenti mal-identifikazzjoni ta' *minuri* skont parti 21A.91. In-natura tal-bidliet dokumentarji fil-manwali tat-tajran tal-ajruplani kienet problema rikorrenti. Il-Parti 21A.263(c)(4) hija għalhekk emendata sabiex tirreferi għal 'reviżjonijiet minuri' (li għandhom jiġu definiti fl-ACM u l-GM assoċjati), li jkopru l-bidliet tekniċi tal-AFM assoċjati ma' bidliet żgħar fid-disinn skont parti 21A.91 flimkien ma' bidliet dokumentarji oħrajn mhux tekniċi kif definiti illum.

IV. Valutazzjoni tal-Impatt Regulatorju

15. Din l-emenda mhux mistennija li jkollha impatt fuq is-sigurtà.

16. L-introduzzjoni tal-programm ta' ċertifikazzjoni (parti 21A.20) hija diġà prattika standard u mhux sejra jkollha impatt ekonomiku fuq l-applikanti. Madankollu l-introduzzjoni tiegħu f'Parti 21 sejra tiżgura l-prattika eżistenti fil-liġi tal-UE u sejra tipprovdi obbligu ċar fuq l-applikant.
17. Il-possibbiltà l-ġdida li l-privileġġi tad-DOA jiġu estiżi sabiex jiġu approvati reviżjonijiet minuri tal-manwali tat-tajran, sejra jkollha impatt ekonomiku moderatament pożittiv. Sejra tippermetti lid-detenturi ta' DOA approvati b'mod xieraq sabiex japprovaw reviżjonijiet minuri tal-manwali tat-tajran mingħajr ebda dewmien ikkawżat mill-ħtieġa ta' involviment mill-Aġenzija, u dan sejjer iħaffef lill-Aġenzija milli twettaq kompitu li jkollu ftit jew ebda benefiċċju għas-sigurtà.
18. Ma ġewx identifikati kwistjonijiet ta' ekwità u ġustizzja.

Cologne, 12 ta' Mejju 2010

P. GOUDOU
Direttur Eżekuttiv